**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 607/2021 AGV :</u>**

**AB**

**u**

**CB**

**Il-Qorti rat ir-Rikors tal-partijiet, datat 9 ta' Dicembru 2021 fejn esponew bir-rispett u bil-gurament taghhom ikkonfermaw:**

1. Illi l-partijiet kuntrattaw iz-zwieg taghhom gol-Knisja ta' Marija tal-Angli, Bahar ic-Caghaq, limiti tal-Ghargurgh, nahr il- 21 ta' Awwissu

2004 u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn unit, u mmarkat Dok. A1.

2. Illi l-kontendenti sseparaw minn ma' xulxin fis- 26 ta' Jannar 2018 in atti tan-nutar Dr Maria Micallef mill-kuntratt ta 'separazzjoni personali, hawn mmarkat Dok A;
3. Illi llum il-gurnata ghaddew kwazi 4 snin mid-data effettiva meta l-kontendenti isseparaw. U cjoe' tlett snin u hadx-il xahar u l-istess partijiet reciprokament jaqblu li ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, di fatti jghixu seperati kompletament.
4. Illi ghal kull buon fini, qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok B, C u D ic-certifikat tat-twelid tal-minuri, ghal referenza ahjar.
5. Illi l-partijiet minn daz-zwieg rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu manteniment fil-konfront ta' xulxin.
6. Illi mill-imsemmi zwieg, l-istess partijiet kellhom tlett itfal D, E u F B , u li l-partijiet reciprokament jiddikjaraw li ma hemmx lanjanza in kwantu rreferibbli l-manteniment tal-minuri, u dan anka lf-isfond tal-fatt li huma konsenswalment addivenjew ghal att in atti tad-Dottor Maria Micalled, datat 26 ta' Jannar 2018, sabiex jirregolaw il-manteniment versu it-tlett ulied. Kopja tal-istess qed tigi ukoll annessa, ma' dar-rikors kongunt kif diga' indikat;
7. Illi in vista tal-premess evidentament jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi, ghal hall taz-zwieg u ghal divorzju tal-partijiet;

Ghaldasqtant, ir-rikorrenti A u CB , konguntivament bejniethom umilment qed jitolbu lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

I. **TIDDIKJARA** z-zwieg taghhom huwa mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,

II. **TORDNA** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**